

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2015 – Unión de Almacenistas de Hierros de España vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-623/13) ⁽¹⁾

["Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti li jirrigwardaw żewġ proċeduri nazzjonali fil-qasam tal-kompetizzjoni — Dokumenti mibgħuta lill-Kummissjoni minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni fil-kuntest tal-kooperazzjoni prevista mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni — Riffut ta' aċċess — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu — Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz — Assenza ta' obbligu tal-istituzzjoni kkonċernata li twettaq eżami konkret u individwali tal-kontenut tad-dokumenti msemmija fit-talba għal aċċess ladarba l-investigazzjoni inkwistjoni tkun ingħalqet — Assenza ta' neċessità ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li titlob il-produzzjoni tad-dokumenti kontenzjużi — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni partikolari ta' min iressaq it-talba"]

(2015/C 213/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Unión de Almacenistas de Hierros de España (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: A. Creus Carreras u A. Valiente Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze, K. Petersen u A. Lippstreu, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2013 li tirrifjuta milli tagħti lir-rikorrenti l-aċċess għal ċerti dokumenti dwar il-korrispondenza skambjata bejn il-Kummissjoni u l-Comisión Nacional de la Competencia (CNC, kummissjoni nazzjonali tal-kompetizzjoni Spanjola), dwar żewġ proċeduri nazzjonali mibdija minn din tal-aħħar.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Unión de Almacenistas de Hierros de España għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha stess.

⁽¹⁾ ĠU C 24, 25.01.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2015 – Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-51/14) ⁽¹⁾

["Sistema tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti — Regolament (UE) Nru 1151/2012 — Ċaħda tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-isem 'pomazánkové máslo' (butir li jiddellek) bħala speċjalità tradizzjonali ggarantita — Rabta' mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-użu tal-isem li taħtu jiġi mibjugħ il-prodott 'butir'"]

(2015/C 213/56)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċekk

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Vlácil u J. Vitáková, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Guillem Carrau, Z. Malůšková u K. Walkerová, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/658/UE, tat-13 ta' Novembru 2013, dwar ir-rifjut ta' talba għar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti prevvist fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Pomazánkové máslo (STG)] (ĠU L 305, p. 22).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Ċeka hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 93, 29.03.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Mejju 2015 – Swatch vs UASI – Panavision Europe (SWATCHBALL)

(Kawża T-71/14) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali SWATCHBALL — Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi u trade marks internazzjonali verbali u figurattivi SWATCH u swatch — Raġuni relattiva għal rifjut — Ksur tar-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]

(2015/C 213/57)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Swatch AG (Biel, l-Isvizzera) (rappreżentant: P. González-Bueno Catalán de Ocón, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Panavision Europe Ltd (Greenford, ir-Renju Unit)

Suġġett

Rikors kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal 11 ta' Novembru 2013 (Każ R 470/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Swatch AG u Panavision Europe Ltd.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Swatch AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 28.04.2014.